## Il-Kelma tal-Arċipriet

Nhar l-Erbgħa se nibdew iż-żmien tar-Randan Imqaddes li jwassalna għall-ċelebrazzjoni tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta’ Sidna Ġesù Kristu. Din il-ġrajja tal-Għid, għalina l-Insara hi l-ikbar festa, għax fiha niċċelebraw il-misteru tar-Redenzjoni tagħna, jiġifieri kif Ġesù fdiena mill-jasar tad-dnub: kliem li forsi ilna nisimgħuh, imma ftit nafu xi jfisser, u ftit nafu x’ġid jiswielna li niċċelebraw l-Għid fil-Knisja, għax naħsbu li fina kollox jibqa’ l-istess. U forsi din hi r-raġuni għalfejn għandna bżonn dan iż-żmien kollu tar-Randan, twil erbgħin jum, minbarra l-Ħdud.

U għalfejn il-jum tal-Ħadd ma ngħodduhx maż-żmien tar-Randan? Għax dan il-Jum hu t-tifkira u t-tħabbira tal-Għid il-Kbir, u fil-quddiesa taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid aħna nerġgħu ngħixu l-istess ġrajja ta’ Ġesù, tal-passjoni l-mewt u l-qawmien tiegħu; u nerġgħu ngħixuha sabiex kull darba, fi tmiem il-ġimgħa u fil-bidu ta’ ġimgħa oħra ngawdu mill-grazzja li ġabilna Ġesù bl-Għid tiegħu. Għalhekk dritt wara l-konsagrazzjoni ngħidu: “Inħabbru l-mewt tiegħek Mulej inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja”; jew, “Kull darba li nieklu dal-ħobż u nixorbu dal-kalċi nħabbru l-mewt tiegħek Mulej sa ma tiġi”; jew anki “Salvana int, o Salvatur tad-dinja; bis-salib u l-qawmien tiegħek inti fdejtna”.

Ir-Randan hu ż-żmien li fih bil-mod il-mod nifhmu kif il-Mulej fdiena u kif qed isalvana. Għalhekk bħala parroċċa ma’ dan il-bullettin qed nibagħtulkom programm iddettaljat bil-proposti kollha li ser noffru f’dan iż-żmien: mumenti ta’ talb, sawm u penitenza, karità, irtiri u katekeżi, eżerċizzi...eċċ.




Imma peress li f’din is-sena tal-Ġublew, fid-Djoċesi tagħna qed niffukaw fuq id-don tal-Ewkaristija, u peress li din is-sena jaħbat ukoll it-350 anniversarju mill-ewwel dehra tal-Qalb ta’ Ġesù lil Santa Margerita Marija Alacoque, xtaqna nħeġġukom għall-ħin ta’ adorazzjoni li ser noffru quddiem Ġesù Ewkaristija espost fil-Knisja tal-Qalb ta’ Ġesù, kuljum, mit-Tnejn sas-Sibt, mit-8.30am sal-11.00am. Kemm tkun ħaġa sabiħa jekk ngħożżu mumenti bħal dawn, anki jekk ngħadduhom fis-skiet, għax hemm nindunaw kemm tassew Ġesù baqa’ magħna u qiegħed iħarisna f’kull mument tal-ħajja tagħna. Filgħaxija mbagħad l-espożizzjoni ewkaristika għall-adorazzjoni tkompli fil-Prayer Room mit-3.00pm sas-7.00pm. Tajjeb infakkru li jekk ma nkunux nistgħu nqattgħu ħin fit-tul, ikun xorta utli li tal-inqas, bejn qadja u oħra nieqfu waqfa qasira u ngħaddu u nsellmu lil Ġesù fit-Tabernaklu għax minn hemm nistgħu nieħdu tassew il-qawwa biex inkomplu l-mixi tagħna tal-ħajja fil-grazzja u s-sliem. U jalla l-mixja tar-Randan li ser nibdew twassalna biex niskopru aħjar l-għajnuna kbira li għandna kuljum fid-don tal-Ewkaristija.

## AVVIŻI:

Nhar it-Tnejn 3 ta’ Marzu l-**Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta’ Ġesù,** jistedinkom għand is-Sorijiet Franġiskani, għat-talba tar-Rużarju fl-4.00pm u l-Quddiesa fl-4.30pm.

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Marzu taħbat **l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar** u huwa jum ta’ devozzjoni lejn il-Qalb ta’ Ġesù. Filgħaxija, wara l-quddiesa tal-5.00pm fil-Knisja nistednukom għat-talb tas-Siegħa tal-Ħniena Divina.

**Pellegrinaġġ Penitenzjali Ġubilari bil-Kurċifiss Mirakoluż Ta’ Ġieżu:** Nhar il-Ħadd 9 ta’ Marzu l-parroċċa qed torganizza trasport li jitlaq mill-Pjazza għall-knisja tal-Franġiskani, fit-3.30pm u lura mill-Pjazza t’Għajnsielem fis-7.00pm. Min jixtieq jiġi magħna għandu jċempel sa nhar it-Tlieta 4 ta’ Marzu lil Lina Mifsud fuq 99260629.

Infakkrukom li nhar il-Ħadd 9 ta’ Marzu minħabba l-Pellegrinaġġ Djoċesan bis-Salib Imqaddes f’Għawdex kollu ma jkunx hawn quddies bejn l-4.00pm u s-7.00pm. Għalhekk **fil-parroċċa tagħna ma jkunx hawn il-Quddiesa tal-5.00pm**, waqt li dik tas-7.00pm issir bħas-soltu.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am